MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Numru 270/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
v

**KONRAD CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KONRAD CASSAR** bin David u Vincenza nee Gauci, imwieled Mtarfa fis-16 ta’ Awissu, 1977 u residenti fil-fond Flat 3, Woodfour, Triq Giuseppe Despott, Qawra detentur tal-karta tal-identita` numru 376677M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-hdax ta’ Marzu, 2004 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu;

1. Irrenda ruhu komplici flimkien ma Gilbert Bugeja, f'serq mis-Caesar's Nightclub ta' Misrah il-Bajja, Bugibba, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bil-hin ghad-dannu tas-socjeta` A.L. Holdings Limited;

2. Talli fl-istess data, hin, lok w cirkostanzi kkaguna hsara fi free standing cigarette vending machine u f'xi aperturi ta' l-istess kumpless, liema hsarat ma jeccedux il-hamsin lira Maltin, ghad-dannu tas-socjetajiet Central Cigarette Company Limited u A.L. Holdings Limited, rispettivament;

3. Talli sar recidiv b'sentenza tal-Qrati Maltin, datata erbgha ta' Novembru, 1998, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikolu mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Rat li l-imputat nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2004 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2004, **xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** [fol 58] fejn spjiega kif nhar l-hdax ta' Marzu 2004 huwa kien ircieva rapport maghmul minn Alan Bugeja ghan-nom tas-socjeta A.L. Holdings Limited li tiggestixxi in-nightclub Ceaser's f'Misrah il-Bajja, Bugibba, li kien safa vittma ta' serqa mill-ufficini tieghu f'dan l-istess stabbiliment. Il-Pulizija marret fuq il-post u skond ix-xhieda ta' Alan Bugeja, insterqet is-somma ta' elfejn mitejn u ghoxrin lira minn go zewg safes u s-somma

ta' hamsa w hamsin lira f'muniti minn go kexxun ta' skrivanija u xi cekk ta' mitejn lira maltin mahrug minn B&D Construction Limited, li sussegwentement gie ritornat mill-bank mhux imsarraf.

Illi huwa kien baghat ghall-imputat dakinhar stess u dan kien ammetta li kien dahal fil-fond ma certu Gilbert Bugeja, hu d-derubat Alan Bugeja. Qallu li mis-serqa, dan Gilbert Bugeja ghaddielu borza b'muniti ta' centezmu u ta' zewg centezmi u fil-fatt kien akkumpanjah hdejn xi sigar fil-By Pass ta' San Pawl il-Bahar u minnufih tahomlu lura.

Gilbert Bugeja wkoll kien gie mitkellem mill-Ispettur u dan qallu li veru kien wettaq serqa mal-imputat. Qallu li ma kienx ha aktar minn elf lira maltin u li l-imputat kien tah biss l-borza bil-muniti. Illi mistoqsi jekk hax passi kontra Gilbert Bugeja, l-Ufficjal wiegeb li missier Gilbert, certu Paul Bugeja u huh Alan, ma xtaqux jiehdu passi kontra tieghu u ghalhekk il-kawza giet istitwita biss fil-konfront ta' Konrad Cassar l-imputat odjern.

**Alan Bugeja xehed nhar s-sbatax ta' Mejju 2004** [fol 38] fejn ikkonferma li kien hu li ghamel rapport lil Pulizija fuq is-serqa li sofra fl-istabbiliment tieghu Ceaser's Nightclub. Huwa kkonferma li mill-fond insterqulu oggetti b'valur ta' elfejn erbgha mija u hamsa w ghoxrin lira u zewg centezmi, skond dokument esibit minnu AB, oltre borza centezmi petty cash fl-ammont ta' erbghin lira. Spjiega li l-isgass fl-ufficju sar minn gewwa ghaliex hekk kien jindika. Hsara sofra kemm fil-bieb tal-ufficju kif wkoll fil-kexxun. Mistoqsi min ghandu cwievet tal-post, dan ix-xhud wiegeb li kellu James Cassar. Qal li c-cavetta tas-safe tinzamm fil-kexxun li gie sgassat u x-xhud wiegeb li huh Gilbert kien jaf b'dan.

**James Cassar wkoll xehed nhar s-sbatax ta' Mejju 2004** [fol 41] fejn qal li huwa jahdem bhala part time manager fil-fond Ceaser's. Ikkonferma li qabel ma telaq minn fuq il-post nhar l-hdax ta' Marzu 2004 kmieni filghodu, kollox kien f'postu u ma kien hemm ebda sgass u bhas-soltu huwa kien sakkar kull ma kien hemm. Xehed li l-ghada, mar u sab l-bieb tal-ufficju li kien illevat u l-

kexxun ta' fejn jpoggu c-cavetta tas-safe sgassat. Mistoqsi kemm kien hemm flus fis-safe ix-xhud wiegeb li ma jkunx jaf ghalkemm jaf li kien hemm somma sostanzjali peress li kien ser ikun hemm party.

**L-imputat kien irrilaxxja stqarrija** nhar l-hdax ta' Marzu 2004 dakinhar stess li giet rappurtata s-serqa, liema stqarrija tinsab esibita a fol 61 tal-atti markata bhala dokument JM.

F'din l-istqarrija, l-imputat ammetta li kien dahal fil-fond Ceaser's ma certu Gilbert Bugeja, sgassa il-bieb tal-ufficju u Gilbert Bugeja fetah is-safe b'cavetta. Mistoqsi kemm hadu flus huwa jghid li hadu cirka sebgha mitt lira maltin pero minn dan ma kienx cert, ghaliex il-flus ghoddhom fuq ghajnejh. Huwa qal li l-flus hadhom kollha Gilbert Bugeja u hu ha biss borza b'xi muniti u fil-fatt kien heba din il-borza fil-By Pass tax-Xemxija. Mistoqsi ghaliex ghamel hekk, l-imputat wiegeb li Gilbert kellu hafna problemi u dehrlu li kellu jghinu ghalkemm iddispjacih ta' dak li ghamel.

**Meta xehed il-Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2004, l-imputat rega' kkonferma** li kien hu li seraq mill-fond Ceaser's flimkien ma Gilbert Bugeja. Qal li ghamel hekk peress li Gilbert Bugeja kellu problemi finanzjarji, hu kien ghadu kif tilef lil huh b'suwicidju minhabba problemi finanzjarji u ghalhekk beza' li Gilbert kien ser jghamel l-istess. Spjiega li dakinhar tas-serqa, kien rieqed d-dar mal-familja meta cempillu Gilbert Bugeja, il-habib tieghu minn zghozitu, u qallu li ried jkellmu u meta mar hdejh Gilbert Bugeja qallu bil-pjan tieghu. Huwa reggha kkonferma li minn din is-serqa huwa ma ha xejn ghaliex ha kollox Gilbert Bugeja, salv ghal borza b'xi muniti li hu ghadda minnufih a tempo vergine tal-investigazzjoni lil Pulizija li rrizulta li kellhom valur ta' erbghin lira maltin. Ammetta wkoll li kien ghamel hsara f'xi vending machine tas-sigaretti [dokument JM 3 a fol 64 tal-atti].

Illi ghalhekk, a bazi ta' dawn il-provi, il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat komplici ta' serq aggravat bil-valur, bil-

mezz, u bil-hin u talli ghamel hsarat ghas-socjeta Central Cigarettes Company Limited bl- isgass tal-vending machine, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin.

Illi jirrizulta wkoll li l-imputat ma hux recidiv permezz tas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-erbgha ta' Novembru 1998 b'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija v Konrad Cassar et, meta kien instab hati ta' serq aggravat ghaliex huwa kien inghata unconditional discharge ghal perjodu ta' tlett snin, u unconditional discharge ma hiex piena u konsegwentement l-imputat m'ghandux jinstab hati talli hu recidiv.
Dwar il-piena:

Il-Qorti qiset c-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe li l-imputat gie mgieghel jaghmel dak li ghamel minn bin is-sid tal-fond derubat u spicca ma ha xejn mir-rikoverat.

Illi huwa kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sahansitra anke ta lura r-res furtiva li kellu fil-pussess tieghu mill-ewwel. Il-fatt li l-Pulizija ma ressqitx lil awtur ta' dan d-delitt il-Qorti ghar-ragunijiet taghha u cioe minhabba l-waiver esibit fl-atti markat bhala dokument PS a fol 45 tal-atti tal-kwerelanti.

Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li ghandha tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 49, 50 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddecidi wara li **tiddikjara li ssib lil imputat KONRAD CASSAR hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u cioe ta' komplici f'serq aggravat u hsara voluntarja, tiddecidi li tpoggi lil hati taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibux hati talli hu recidiv.**

Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat l-Ufficjal ta' Probation idoneju ghal dan il-kaz.

Il-Qorti spjiegat l-import ta' din s-sentenza lil imputat li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------